

Brussell, 15 ta' April 2024  
(OR. en)

8702/24

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2024/0065(NLE)

---

TRANS 196

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	ST 7810/24 + ADD 1
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea matul it-58 sessjoni tal-Kumitat ta' Esperti dwar it-Trasport ta' Oġġetti Perikolużi tal-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija fir-rigward tal-emenda tal-Appendiċi C tal-Konvenzjoni dwar it-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija – Adozzjoni

---

1. Fit-13 ta' Marzu 2024, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għad-Deċiżjoni msemmija hawn fuq. Il-proposta għandha l-għan li tappoġġa, fi ħdan il-Kumitat ta' Esperti dwar it-Trasport ta' Oġġetti Perikolużi tal-Organizzazzjoni għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (OTIF), l-approvazzjoni ta' ċerti emendi tekniċi għar-Regolament dwar it-trasport internazzjonali ta' oġġetti perikolużi bil-ferrovija (RID), li jiffurmaw l-Appendiċi C tal-Konvenzjoni li tirrigwarda t-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (COTIF).
2. Tali emendi huma previsti kull sentejn sabiex jiġu aġġornati r-regoli fis-seħħ fid-dawl tal-progress xjentifiku u tekniku; dawn huma r-riżultat ta' koordinazzjoni internazzjonali kumplessa li tinvolvi esperti minn fora internazzjonali oħra li jittrattaw it-trasport bit-triq u t-trasport fil-passaġġi fuq l-ilmijiet interni.

3. It-58 sessjoni tal-Kumitat ta' Esperti ser issir f'Berne, fl-Iżvizzera, fit-23 ta' Mejju 2024. Ir-regoli li għandhom jiġu adottati ser jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2025.
4. Fil-laqgħa tiegħu tad-19 ta' Marzu 2024, il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport fuq l-Art eżamina u approva l-proposta ppreżentata mill-Kummissjoni.
5. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden japprova l-abbozz ta' Deċiżjoni kif jinsab fid-dokument ST 7991/24, rivedut mill-ġuristi lingwisti, u l-addendum 1 tiegħu, u jibagħtu lill-Kunsill għall-adozzjoni.
6. Ladarba jiġi adottat, il-Parlament Ewropew jiġi infurmat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill.

---